



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



15349/10

(OR. en)

PRESSE 285
PR CO 28

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

L-3040 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ġenerali

Lussemburgu, 25 ta' Ottubru 2010

President

Steven VANACKERE

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u r-
Riformi Istituzzjonali tal-Belġju

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6083 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

15349/10

1

MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi **l-applikazzjoni tas-Serbja għal sħubija** mal-UE lill-Kummissjoni għal opinjoni. Meta għamel dan, huwa stabbilixxa kondizzjonijiet preċiżi rigward il-kooperazzjoni mis-Serbja mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja.*

*Il-Kunsill approva l-abbozz ta' regolamenti finanzjarji u tal-persunal applikabbli għas-**Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**, l-aħħar żewġ atti legali meħtieġa biex is-SEAE jsir operattiv.*

Huwa ħejja wkoll il-Laqgħa tal-Kunsill tat-28 u d-29 ta' Ottubru.

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

ITEMS DEBATED

SEGWITU GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' SETTEMBRU	7
TĦEJJIJA TAL-KUNSILL EWROPEW TA' OTTUBRU	8
TKABBIR - SERBJA	9
SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA	10

OTHER ITEMS APPROVED

BAĠITS

– Baġit tal-UE għall-2011	11
– Appoġġ għall-pajjiżi tal-AKP esportaturi tal-banana	11

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

– Miżuri anti-dumping - Glukonat tas-sodju - Roti tal-aluminju - iċ-Ċina	12
– Sospensjoni ta' dazji tariffarji fuq importazzjonijiet fil-Madeira u l-Azores*	12

AFFARIJJIET ĠENERALI

– Status tal-gżira ta' Saint-Barthélemy	12
– Kumitat ta' Superviżjoni tal-OLAF	13
– Servizz Ċivili tal-UE - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill*</i>	13

ENERĠIJA

– Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel fl-użi paċifiċi tal-enerġija atomika	13
---	----

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

AMBJENT

- Vetturi li ma għadhomx jintużaw 13

SAĦĦA

- Konvenzjoni ta' qafas tad-WHO dwar il-kontroll fuq it-tabakk 14

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sur Steven VANACKERE

Is-Sur Olivier CHASTEL

Bulgarija:

Is-Sur Nickolay MLADENOV

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Karl SCHWARZENBERG

Danimarka:

Is-Sinjura Lene ESPERSEN

Ġermanja:

Is-Sur Guido WESTERWELLE

Is-Sur Werner HOYER

Estonja:

Is-Sur Urmas PAET

Irlanda:

Is-Sur Dick ROCHE

Greċja:

Is-Sur Dimitris DROUTSAS

Spanja:

Is-Sinjura Trinidad JIMENEZ

Is-Sur Diego LÓPEZ GARRIDO

Franza:

Is-Sur Bernard KOUCHNER

Is-Sur Pierre LELLOUCHE

Italja:

Is-Sur Alfredo MANTICA

Is-Sur Ferdinando NELLI FEROCI

Ċipru:

Is-Sur Markos KYPRIANOU

Latvja:

Is-Sur Andris TEIKMANIS

Litwanja:

Is-Sur Audronius AŽUBALIS

Lussemburgu:

Is-Sur Jean ASSELBORN

Ungerija:

Is-Sur János MARTONYI

Malta:

Is-Sur Tonio BORG

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Uri ROSENTHAL

Is-Sur Ben KNAPEN

Awstrija:

Is-Sur Michael SPINDELEGGGER

Polonja:

Is-Sur Mikolaj DOWGIELEWICZ

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin u r-Riformi Istituzzjonali
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat responsabbli għall-Affarijiet Ewropej

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej
Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Immigrazzjoni

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Kooperazzjoni Internazzjonali

Ministru Federali tal-Affarijiet Ewropej u dawk Internazzjonali

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Portugall:

Is-Sur Luis AMADO
Is-Sur Pedro LOURTIE

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur Bogdan AURESCU

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Slovenja:

Is-Sinjura Andreja JERINA

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u l-Iżvilupp

Slovakkja:

Is-Sinjura Mikulas DZURINDA

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Finlandja:

Is-Sinjura Astrid THORS

Ministru tal-Immigrazzjoni u l-Affarijiet Ewropej

Svezja:

Is-Sinjura Birgitta OHLSSON
Is-Sur Carl BILDT

Ministru tal-Affarijiet Ewropej
Ministru tal-Affarijiet Barranin

Renju Unit:

Is-Sur David LIDINGTON

Ministru tal-Istat għall-Ewropa

Kummissjoni

Is-Sur Maroš ŠEFČOVIČ
Is-Sur Štefan FÜLE

Viċi President
Membru

Parteċipanti oħrain

Is-Sinjura Catherine ASHTON

Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

SEGWITU GĦALL-KUNSILL EWROPEW TA' SETTEMBRU

Il-Kunsill ħa nota ta' nota ta' informazzjoni mill-Presidenza, li tistabbilixxi l-intenzjonijiet tagħha dwar is-segwitu li għandu jingħata lil-laqqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Settembru (*dok.*

[14389/10](#)).

THEJJJA TAL-KUNSILL EWROPEW TA' OTTUBRU

Il-Kunsill eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li ser ssir fi Brussell fit-28 u d-29 ta' Ottubru.

Il-Kunsill Ewropew huwa mistenni li jiffoka fuq:

- Task force dwar il-governanza ekonomika. Rapport finali¹ mit-task force stabbilita f'Marzu;
- Il-G20. L-istabbiliment ta' pożizzjoni tal-UE għas-summit tal-G20 f'Seul fil-11-12 ta' Novembru;
- It-tibdil fil-klima. Tħejjijiet għall-konferenza tan-NU li ser issir f'Cancun mid-29 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru;
- Summits li jmiss mas-sħab strateġiċi tal-UE, inklużi l-Istati Uniti.

Abbozz ta' aġenda annotata ġie diskuss mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Settembru (*dok. [13101/10](#)*). L-abbozz ta' konklużjonijiet ser jiġi rivedut fid-dawl tad-diskussjoni tal-Kunsill.

¹ Rapport: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ec/117236.pdf
Skeda informattiva: http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ec/117253.pdf

TKABBIR - SERBJA

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

- "1. Fit-22 ta' Diċembru 2009, il-President is-Sur Boris Tadic ippreżenta l-applikazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja għal sħubija fl-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill iddeċieda li jimplementa l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta l-opinjoni tagħha.
2. Filwaqt li jfakkar fil-kunsens imġedded dwar it-tkabbir kif espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14/15 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-futur tal-Balkani tal-Punent jinsab fl-Unjoni Ewropea. Huwa jtenni li l-progress ta' kull pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea jiddependi fuq l-isforzi individwali tiegħu biex jikkonforma mal-kriterji ta' Kopenhagen u l-kondizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
3. Il-Kunsill itenni li huwa essenzjali li jkun hemm approċċ kostruttiv lejn il-kooperazzjoni reġjonali. Il-Kunsill jappella wkoll biex isir progress fil-proċess ta' djalogu bejn Belgrad u Pristina, iffaċilitat mill-UE u r-Rappreżentant Għoli tagħha għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, milqugħ fir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-9 ta' Settembru 2010 bħala fattur għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun.
4. Il-Kunsill ifakkar li l-kooperazzjoni sħiħa tas-Serbja mal-ICTY hija diġà meħtieġa mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, kif ukoll mill-Ftehim Interim. Skont il-kriterji politiċi ta' Kopenhagen kooperazzjoni sħiħa mal-ICTY hija kondizzjoni essenzjali għal sħubija fl-UE. Fil-kuntest tal-applikazzjoni tas-Serbja għal sħubija fl-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Diċembru 2009, l-UE tisħaq li f'kull stadju fit-triq tas-Serbja lejn l-adeżjoni mal-UE, b'segwitu għad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, ser jittieħdu aktar passi meta l-Kunsill jiddeċiedi unanimament li teżisti jew għadha teżisti kooperazzjoni sħiħa mal-ICTY. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ser jissorvelja mill-qrib ir-rapporti ta' progress mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. L-UE u l-Istati Membri tagħha jfakkru li jinsabu lesti li jgħinu lis-Serbja f'dan ir-rigward.
5. Il-Kunsill jappella lis-Serbja biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-ICTY lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġunju 2010 dwar l-appoġġ tas-Serbja fil-proċessi u l-appelli li għaddejjin u l-għajnuna tas-Serbja fil-kwistjoni kruċjali tal-arrest taż-żewġ maħrubin li fadal, Ratko Mladic u Goran Hadzic, li tkun l-aktar prova konvinċenti tal-isforzi tas-Serbja u l-kooperazzjoni mal-ICTY."

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

Il-Kunsill approva l-abbozzi ta' regolamenti finanzjarji u tal-persunal applikabbli għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif kien maqbula mal-Parlament Ewropew waqt laqgħa tal-14 ta' Ottubru u approvati mill-Parlament fl-20 ta' Ottubru.

Huwa ser jadotta ż-żewġ regolamenti mingħajr aktar diskussjoni f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill, ladarba jkun għew finalizzati t-testi.

Iż-żewġ testi huma l-aħħar atti legali meħtieġa biex jibda jopera s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, waħda mill-bidliet l-aktar sinifikanti introdotta mit-Trattat ta' Lisbona, li daħal fis-seħħ f'Diċembru li għadda.

Ir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton ħabbret il-ħatra ta' Pierre Vimont bħala Segretarju Ġenerali Eżekuttiv u ta' David O'Sullivan bħala l-Uffiċjal Kap Operattiv tas-SEAE. (tħabbir)

Waqt li għandu l-għan li jżid il-koerenza u l-effiċjenza tal-azzjoni esterna tal-UE, is-SEAE ser jassisti lir-Rappreżentant Għoli fit-twettiq tal-mandat tagħha. Huwa ser jaħdem f'kooperazzjoni mas-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri u jkun magħmul minn uffiċjali mid-dipartimenti rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif ukoll minn persunal issekondat mis-servizzi diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri.

PUNTI OĦRA LI ĠEW APPROVATI

BAĠITS

Baġit tal-UE għall-2011

Il-Kunsill iddeċieda li ma japprovax l-emendi kollha għall-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit għall-2011 ivvotati mill-Parlament Ewropew.

F'konformità mal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, issa ser jitlaqqa' kumitat ta' konċiljazzjoni sabiex ikun hemm qbil dwar test konġunt fi żmien 21 ġurnata.

Appoġġ għall-pajjiżi tal-AKP esportaturi tal-banana

Il-Kunsill iddeċieda li ma japprovax l-emendi kollha għall-pożizzjoni tiegħu dwar il-finanzjament tal-hekk imsejħa miżuri ta' akkumpanjament għall-banana vvotati mill-Parlament Ewropew.

F'konformità mal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, issa ser jitlaqqa' kumitat ta' konċiljazzjoni sabiex ikun hemm qbil dwar test konġunt fi żmien 21 ġurnata.

Bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-2010, il-Kunsill aċċetta l-finanzjament ta' EUR 56,7 miljun għall-miżuri ta' akkumpanjament biex jgħinu lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) esportaturi tal-banana affettwati mill-miżuri ta' liberalizzazzjoni fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Fl-opinjoni tal-Kunsill dan l-ammont għandu jinkiseb bir-riallokazzjonijiet fl-intestatura 4 tal-baġit tal-UE (l-UE bħala attur globali) u mill-marġini tal-istess intestatura. Fir-rigward tal-finanzjament ta' EUR 18,3 miljun aktar għall-pajjiżi tal-AKP fornituri tal-banana, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni biex tipproponi malajr kemm jista' jkun riallokazzjonijiet addizzjonali fl-intestatura 4.

POLITIKA TAL-KUMMERĊ

Miżuri anti-dumping - Glukonat tas-sodju - Roti tal-aluminju - iċ-Ċina

Il-Kunsill adotta regolamenti li jimponu dazju anti-dumping definittiv u li jiġbru d-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta':

- glukonat tas-sodju li joriġina miċ-Ċina (*dok.* [14430/10](#)); u
- ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw miċ-Ċina (*dok.* [14336/10](#)).

Sospensjoni ta' dazji tariffarji fuq importazzjonijiet fil-Madeira u l-Azores*

Il-Kunsill adotta regolament li jissospendi temporarjament id-dazji tariffarji fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi ta' Madeira u l-Azores (dokumenti [14912/10](#) + [14482/10](#)).

AFFARIJIET ĠENERALI

Status tal-gżira ta' Saint-Barthélemy

Il-Kunsill approva abbozz ta' deċiżjoni li għandha tintbagħat lill-Kunsill Ewropew bil-għan li jiġi modifikat l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy, minn reġjun ultraperiferiku għal territorju extra-Ewropew assoċjat (*dok.* [15224/10](#)).

Kumitat ta' Superviżjoni tal-OLAF

Il-Kunsill approva proposta mill-Kummissjoni biex jinħatru mill-ġdid il-membri attwali tal-kumitat ta' superviżjoni tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għat-tieni mandat, li jiskadi fit-30 ta' Novembru 2011.

Il-membri tal-Kumitat huma: Is-Sur Kálmán Györgyi, is-Sur Luis López Sans-Aranguez, is-Sur Peter Strömberg, is-Sinjura Diemut R. Theato and s-Sinjura Rosalind Wright.

Servizz Ċivili tal-UE - *Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet imniżżlin fid-dokument [14699/10](#).

ENERĠIJA

Kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel fl-użi paċifiċi tal-enerġija atomika

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegożja ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Afrika t'Isfel dwar kooperazzjoni fl-użi paċifiċi tal-enerġija atomika.

AMBJENT

Vetturi li ma għadhomx jintużaw

Il-Kunsill oppona l-adozzjoni ta' abbozz ta' direttiva mill-Kummissjoni li tintroduċi adattamenti tekniċi għall-Anness II għad-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Il-Kunsill jappoġġa s-sustanza tal-abbozz ta' direttiva tal-Kummissjoni. Madankollu, maġġoranza kwalifikata ta' delegazzjonijiet opponiet l-adozzjoni tiegħu fuq il-bażi li, bir-rekwiżit li l-Istati Membri jfasslu tabelli ta' korrelazzjoni, il-Kummissjoni teċċedi s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-att bażiku (Direttiva 2000/53/KE).

Taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-Kunsill jista' jopponi l-adozzjoni ta' miżuri ġodda fuq il-bażi li jeċċedu s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-att bażiku, jew ma jkunux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-att bażiku, jew ma jirrispettawx il-prinċipji ta' sussidjarjetà jew ta' proporzjonalità.

SAĦĦA**Konvenzjoni ta' qafas tad-WHO dwar il-kontroll fuq it-tabakk**

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fir-raba' sessjoni tal-konferenza tal-partijiet għall-konvenzjoni ta' qafas dwar il-kontroll fuq it-tabakk (FCTC) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fir-rigward tal-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 9 u 10 tal-konvenzjoni.

L-Artikolu 9 tal-konvenzjoni jikkonċerna l-kontenut tal-prodotti tat-tabakk u l-Artikolu 10 jikkonċerna l-iżvelar tal-prodotti tat-tabakk. Il-linji gwida jikkonsistu f'rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti li jistgħu jintużaw mill-partijiet meta jiġu implimentati l-artikoli assoċjati tal-konvenzjoni. Ir-raba' sessjoni tal-konferenza tal-partijiet ser issir f'Punta del Este, l-Urugwaj, mill-15 sal-20 ta' Novembru.

Test tal-FCTC: <http://whqlibdoc.who.int/publications/2003/9241591013.pdf>
